

**Brussell, 7 ta' Novembru 2022  
(OR. en)**

**14073/22**

**LIMITE**

**CORLX 987  
CFSP/PESC 1424  
CSDP/PSDC 700  
PESCO 10  
FIN 1146**

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                     |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                    |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                       |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-partekipazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-proġett tal-PESCO dwar il-Mobbiltà Militari |

1. Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315<sup>1</sup> li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri partekipanti.
2. Fil-5 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639<sup>2</sup> li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna jippartekipaw fi proġetti individwali tal-PESCO.
3. L-Artikolu 2(4) ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li, abbażi ta' avviż mill-koordinatur jew il-koordinaturi ta' proġett tal-PESCO, u wara opinjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 46(6) tat-Trattat u l-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 dwar jekk il-partekipazzjoni tal-Istat terz li talab biex jippartekipa f'dak il-proġett tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.

<sup>1</sup>ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57–77

<sup>2</sup>ĠU L 371, 6.11.2020, p. 3–9

4. Fid-29 ta' Lulju 2022, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") bagħtu lill-koordinatur tal-proġett tal-PESCO dwar il-Mobbiltà Militari t-talba tagħhom għal parteċipazzjoni f'dak il-proġett tal-PESCO, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Il-membri tal-proġett imbagħad iwwalutaw, abbażi tal-informazzjoni provduta mir-Renju Unit, jekk dan jikkonformax mal-kondizzjonijiet ġenerali, skont l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639
5. Fis-7 ta' Ottubru 2022, il-koordinatur tal-proġett tal-PESCO dwar il-Mobbiltà Militari innotifika lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'konformità mal-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, li l-membri ta' dak il-proġett tal-PESCO qablu b'mod unanimu fil-jum ta' qabel (a) li jixtiequ jistiednu lir-Renju Unit biex jipparteċipa f'dak il-proġett, (b) dwar l-ambitu, il-forma u l-istadji rilevanti tal-parteeipazzjoni tar-Renju Unit f'dak il-proġett u (c) li r-Renju Unit jikkonforma mal-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639 (dokument 13591/22).
6. Fid-19 ta' Ottubru 2022, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel dwar opinjoni dwar l-avviż rigward it-talba mir-Renju Unit biex jipparteċipa fil-Proġett tal-PESCO dwar il-Mobbiltà Militari (id-dokument 13848/22) li fiha huwa rrakkomanda li l-Kunsill jieħu deċiżjoni pożittiva dwar jekk il-parteeipazzjoni tar-Renju Unit fil-proġett tal-PESCO dwar il-Mobbiltà Militari tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.
7. Fil-31 ta' Ottubru 2022, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteeipazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari (dok. 14071/22).
8. Fis-7 ta' Novembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

9. Il-COREPER huwa għaldaqstant mistieden:

- jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill;
- jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteciġazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-proġett tal-PESCO dwar il-Mobbiltà Militari kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 14072/22;
- jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali.